**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 220 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Joseph Galea**

Illum 7 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293290 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mill-**21 ta' Frar, 2018, sax-xahar t'April, 2018** fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imesjjah reat kontinwat ( Kap 9, Artiklu 18 ):

1) Naqas li jaghti lil Geraldine Sammut, is-somma, ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma ( Kap9, Artikolu 338 (z) ).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Gunju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 8, 18, 31 (g) u 338 (z) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u ikkundannatu ghal xahar prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Galea,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka *a contrario imperio* u thassar *in tot* is-sentenza fuq citata moghtija kontra l-appellant fl-imsemmija data u konsegwentament tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena;
2. Minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax (ALTERNATIVAMENT), joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b' xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l appellant.
2. Illi l-appellant illum il-gurnata wara hafna sforzi u ghajnuna jinsab f' posizzjoni aktar minn qatt qabel li jhares l-obbligi tieghu izda l-fatt li huwa kien qed ikollu jersaq il-Qorti ta' spiss ma kinitx qieghda taghmilhielu facli li jonora l-obbligi tieghu tal-impjieg.
3. Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tippreklud ih milli jhallas il manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

Rat illi fis-seduta quddiem din il-Qorti deher Dr Roberto Spiteri ghall-akkuzat li stqarr li l-patrocinat tieghu jinsab residenti fil Facilita Korrettia ta' kordin u dan taht arrest preventiv u li ghalhekk jinsab fl-impossibilita li jghamel il-pagament dovut minnu

stante li m'ghandux mezzi finanzjajri. Mistoqsi kemm kien ilu l-habs dan wiegeb li kien ilu gimgha. Jghid li dan hu kaz ta' *nempo tenetur ad impossibilia* .

Rat dak li intqal fis-seduta verbalment minn Dr Patrick Valentino li l-appellant ma ghamel l-ebda pagament lill-parte civile ukoll prezenti fl-awla

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawza tikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut lil Geraldine Sammut f'isem uliedhom minuri Deeyan li sahansitra anke ibati minn Autizmu u Shania u dan ghax-xhur ta' Frar sa April 2018. Illi nhar it-28 ta Ottubru 2019 l-appellant fil-presenza ta l-avuakt tieghu irregistra ammissjoni ghall-akkuza u ghalhekk ma baqax jikkontesta li kien gie ordnat ihallas manteniment lil parte civile Geraldine Sammut is-somma ta' €300 fix-xahar ghaz-zewg minuri liema somma kellha tizdied kul sena skond l-indici tal -holli tal-hajja. Illi jinghad li dan id-digriet ma giex esebit f'dawn l-atti pero dak li stqarret PC 483 fl-affidavit ma giex kontestat.

Rat illi ghalhekk l-appellant huwa moruz f'zewg pagamenti u nonnostante it-trapass taz-zmien u kundanna mill-ewwel Qorti ta' xahar prigunerija effetttiva l-appellant ma ghamel l-ebda sforz biex ihallas dak dovut minnu. Illi mhuwiex skuza li l-appellant jghid li fil-prezent jinsab taht arrest preventiv u kien ghalhekk li ma setghax ihallas dak dovut minnu u dan ghaleix messu ha hsieb li jigbor il-flus qabel u cioe meta kienu dovuti .

Fid-decizjoni moghitja minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Micallef**[1] saret referenza b'approvazzjoni ghall-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs Publius Said**[2]" fejn gie ritenut li:-

> *"... l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament."*

[1] seduta tas-27 ta' Lulju, 2006 Appell Kriminali nru. 84/2006
[2] Seduta tal-25 ta Settembru, 2003

Din il-Qorti tghamel refernza ghas-entenza moghtija minn din l-Qorti divesament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs John Debono**[3] fejn inghad li:

> *'il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digiret tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.......Ir-rimedju li għandu u li kellu jieħu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorit Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment.'*

U din il-Qorti izzid tghid li dawn il-proċeduri għandhom jinbdew mal-ewwel u mhux wieħed jistenna li jittieħdu passi kriminali u imbagħad jibda jiċċaqlaq.

Dan l-istess hsieb gie espress fis-senenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri**[4]' meta ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali **Pulizija vs. Anthony Saliba** [5] spjegat bic-car li:-

> *".. il-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellatn. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi,. Tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isisr, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel Digriet. Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti id-digriet tas-Sekond' Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma l-htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digriet jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-*

[3] Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012
[4] Seduta tat-18 ta Settembru, 2002
[5] Seduta tal-15 ta Lulju, 1998

*Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha'.*

L-appellant talab li jekk din il-Qorti ma tilqax it-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza hija ghandha timmodifika l-piena imposta. Dwar din it-talba pero din il-Qorti rat li l-piena imposta fl-ewwel lok taqa' fil-parametri tal-ligi u fit-tieni lok rat li ma hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li jwaslu lil din il-Qorti tvarja jew timmodifika l-ewwel sentenza. Il-fedina penali tal-appellant ma tantx tawgura tajjeb lanqas li tiggustifika tibdil fil-piena.

Ghaldaqstant din l-Qorti qeda tikkonfema is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu anke fir-rigward tal-piena imposta minnha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur